



Brussell, 9 ta' Awwissu 2021  
REV3 – jissostitwixxi l-avviż (REV2)  
bid-data tat-28 ta' April 2020<sup>1</sup>

## AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI U S-SIGURTÀ MARITTIMA

Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"<sup>2</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>3</sup> ippreveda perjodu ta' tranżizzjoni li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ippreveda wkoll dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni li saru applikabbli fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit innegozjaw Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, li ġie ffirmat fit-30 ta' Diċembru 2020 u applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021 sad-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Mejju 2021<sup>4</sup>.

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ħoloq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq hija differenti ħafna mill-parteciġazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,<sup>5</sup> fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni u tas-sigurtà marittima mhux se jibqgħu japplikaw fir-Renju Unit. Il-Ftehim

<sup>1</sup> L-avviż REV 3 jippermetti li tiġi ċċarata s-sitwazzjoni li nħolqot wara l-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit u rigward ir-reġim tas-sigurtà tal-merkanzija u l-posta bl-ajru kkonsenjati permezz ta' trasport bis-superfiċje lejn ajruport tal-UE biex jitgħabbew abbord ingenu tal-ajru.

<sup>2</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE. Madankollu, għall-finijiet tar-reġim tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE, l-Iżlanda, in-Norveġja, il-Liechtenstein u l-Iżvizzera huma meqjusa bħala parti mill-Unjoni.

<sup>3</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

<sup>4</sup> ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10

<sup>5</sup> B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevedix kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonnoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħha, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ma għab l-ebda bidla f'dan ir-rigward. Dan iwassal, b'mod partikulari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

## 1. IS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008<sup>6</sup> jistabbilixxi regoli komuni u standards bażiċi dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni u proċeduri li jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tar-regoli u standards komuni. Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1998<sup>7</sup> jistabbilixxi miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni kif stabbilit fl-Artikolu 4 u fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 300/2008.

Ir-Regolament (UE) 2019/413<sup>8</sup> li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1998 f'dak li għandu x'jaqsam ma' pajjiżi terzi rrikonoxxuti bħala pajjiżi li japplikaw standards tas-sigurtà li huma ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili. Skont dan il-qafas legali, ir-Renju Unit ġie elenkat bħala pajjiż terz li, minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, se jkun rikonoxxut mill-UE bħala wieħed li japplika standards ta' sigurtà ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, rigward is-sigurtà tal-inġenji tal-ajru, il-passiġġieri u l-bagalji tal-kabina tagħhom, il-bagalji li jgħaddu miċ-check-in, il-merkanzija u l-posta, kif deskritt hawn taħt.

### 1.1. Is-sigurtà tal-inġenji tal-ajru, passiġġieri, bagalji tal-kabina, bagalji li jgħaddu miċ-check in

Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 jirrikjedi li jsir kontroll tas-sigurtà tal-inġenju tal-ajru/tfittxija tas-sigurtà ta' inġenju tal-ajru<sup>9</sup>, l-iskrinjar tal-passiġġieri fi trasferiment u fi tranżitu u l-bagalji tal-kabina tagħhom<sup>10</sup>, u l-iskrinjar ta' bagalji li jgħaddu miċ-check in<sup>11</sup>, sakemm l-inġenju tal-ajru ma jkunx wasal minn pajjiż terz "elenkat" mill-Kummissjoni.

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.

<sup>7</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 tal-5 ta' Novembru 2015 li jstipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni, ĠU L 299, 14.11.2015, p. 1.

<sup>8</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/413 tal-14 ta' Marzu 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998 f'dak li għandu x'jaqsam ma' pajjiżi terzi rrikonoxxuti bħala pajjiżi li japplikaw standards tas-sigurtà li huma ekwivalenti għall-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, ĠU L 73, 15.3.2019, p. 98.

<sup>9</sup> Il-punt 3.1 tal-Anness tar-Regolament (KE) 300/2008, il-punt 3.1.1 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005.

<sup>10</sup> Il-punti 4.1.1, 4.1.2 (b), 4.1.3 (d) tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, il-punt 4.0.2 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998.

<sup>11</sup> Il-punti 5.1.1, 5.1.2 (b), 5.1.3 (d) tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, il-punt 5.0.2 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998.

Ir-Renju Unit ġie elenkat fid-dokumenti mehmużin, 3-B, 4-B, u 5-A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998<sup>12</sup>.

Konsegwentement, minn tmiem il-perjodu tat-tranżizzjoni, l-inġenji tal-ajru, il-passiġġiera u l-bagalji tal-kabina u bagalji li jgħaddu miċ-check in tagħhom, li jkunu fuq titjiriet li joriġinaw mir-Renju Unit, jistgħu jiġu eżentati minn tftitxijiet ulterjuri jew proċeduri ta' skrinjar, meta jiġu ttrasferiti fl-UE.

## 1.2. Il-merkanzija u l-posta, il-provvisti

Ir-Renju Unit ġie elenkat fid-dokument 6-Fi tal-Anness tar-Regolament (UE) 2015/1998. Permezz ta' dan l-elenkar, l-Unjoni Ewropea tirrikonxxi merkanzija u posta bl-ajru li tpoġġiet taħt sigurtà f'konformità mal-katina ta' provvista sikura tar-Renju Unit. Dan japplika fir-rigward ta':

- (a) merkanzija u posta li jaslu bl-ajru waqt operazzjonijiet ta' tranżitu u ta' trasferiment fl-ajruport tal-UE; kif ukoll
- (b) it-trasport bis-superfiċje ta' merkanzija u posta bl-ajru sikuri kkonsenjati lejn ajruport tal-UE biex jitgħabbew abbord inġenju tal-ajru, sakemm dawn jiġu ttrasportati bl-istess polza tal-vjeġġ<sup>13</sup>, f'konformità mal-mudell *Air Cargo Road Feeder Service*; kif ukoll
- (c) merkanzija u posta kkonsenjati minn Aġenti Regolati approvati mir-Renju Unit u Konsenjaturi Magħrufa, dment li l-Aġent Regolat tal-UE jew it-trasportatur tal-ajru fl-ajruport tal-Unjoni jkunu jistgħu jivverifikaw l-istatus attiv tal-entità konsenjatriċi, u dment li jiġu applikati l-kontrolli kollha tas-sigurtà kif stabbilit fil-punt 6.3.2 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1998.

### 1.2.1. *Id-deżinjazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru bħala ACC3 u d-deżinjazzjoni bħala RA3 u KC3 tal-entitajiet u l-operaturi li jagħmlu parti mill-katina tal-provvista ta' ACC3*

F'konformità mal-Kapitolu 6.8.1 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2015/1998, se jkun meħtieġ li trasportaturi tal-ajru (indipendentement minn jekk ikunux stabbiliti fl-UE, fir-Renju Unit, jew f'pajjiż terz) li jittrasportaw merkanzija u posta bl-ajru minn ajruport li jinsab f'pajjiż terz lejn l-UE, għandhom ikunu nnominati mill-awtorità xierqa ta' Stat Membru tal-UE bħala "Trasportatur ta' Merkanzija jew ta' Posta bl-Ajru li jopera lejn l-Unjoni minn Ajruport ta' Pajjiż Terz" (ACC3) u jiżguraw li ssir l-implimentazzjoni ta' ċerti miżuri tas-sigurtà.

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/413.

<sup>13</sup> F'konformità mal-Prattika Rakkomandata 4.2 tal-ICAO Anness 9 tal-Konvenzjoni ta' Chicago: *Fir-rigward ta' merkanzija li tinġarr kemm bit-trasport bl-ajru kif ukoll bit-trasport bis-superfiċje abbażi ta' polza tal-vjeġġ bl-ajru, jenħtieġ li l-Istati Kontraenti japplikaw l-istess regolamenti u proċeduri u japplikawhom bl-istess mod kif jiġu applikati għall-merkanzija li tinġarr biss permezz ta' trasport bl-ajru.*

Dan mhux meħtieġ jekk il-pajjiż terz ikun elenkat fid-Dokumenti Mehmużin 6-Fi jew 6-Fii tal-Anness tar-Regolament (UE) 2015/1998.

Ir-Renju Unit ġie elenkat fid-dokument 6-Fi tal-Anness tar-Regolament (UE) 2015/1998<sup>14</sup>.

Konsegwentement, fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-deżinjazzjoni ACC3 mhux se tkun meħtieġa għall-ġarr tal-merkanzija jew tal-posta fuq titjiriet li joriġinaw mir-Renju Unit, u l-operaturi fl-art li jalimentaw il-katina tal-provvista ta' trasportaturi tal-ajru li jgħorru l-merkanzija u l-posta mir-Renju Unit lejn l-UE mhux se jkunu meħtieġa li jkunu ddeżinjati bħala "Aġent Regolat minn Pajjiż Terz" (RA3) u/jew "Konsenjatur Magħruf minn Pajjiż Terzi" (KC3) u lanqas m'huma se jiġu soġġetti għall-proċess tal-validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE.

#### 1.2.2. *Approvazzjonijiet tal-Validaturi tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni tal-UE*

F'konformità mal-Kapitolu 11.6 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 2015/1998 (il-punt 11.6.4.2), persuni fiżiċi u ġuridiċi approvati bħala validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE minn Stat Membru tal-UE għandhom ikunu rikonxxuti mill-Istati Membri kollha tal-UE.

Il-validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni approvati mir-Renju Unit ma jibqgħux rikonxxuti fl-UE minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Il-validazzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE mwettqa qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, inklużi r-rapporti ta' validazzjoni tal-UE maħruġa qabel dik id-data jibqgħu validi għall-iskop tad-deżinjazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru, l-operaturi u l-entitajiet li jkunu vvalidaw.

#### 1.2.3. *L-approvazzjoni ta' Aġenti Regolati u Spedituri Magħrufa fl-UE*

F'konformità mal-Kapitoli 6.3 u 6.4 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 2015/1998, entitajiet ibbażati fl-UE approvati bħala Aġenti Regolati jew Spedituri Magħrufa minn Stat Membru tal-UE għandhom ikunu rikonxxuti mill-Istati Membri kollha tal-UE u elenkati fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista.

L-Aġenti Regolati u Spedituri Magħrufa approvati mill-awtorità xierqa tar-Renju Unit mhux se jibqgħu elenkati fil-bażi tad-*data* tal-UE dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

---

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/413.

#### 1.2.4. *Ir-rikonoxximent tad-deżinjazzjonijiet ACC3/KC3/RA3 mir-Renju Unit*

Skont il-punti 6.8.1.5, u 6.8.4.7 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998, id-deżinjazzjonijiet ACC3/KC3/RA3 mill-awtoritajiet xierqa ta' Stat Membru tal-UE għandhom ikunu rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha tal-UE.

Id-deżinjazzjonijiet ACC3/KC3/RA3 mogħtija mill-awtorità xierqa tar-Renju Unit mhux se jiġu rikonoxxuti mill-Istati Membri tal-UE minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Riżultat ta' dan, it-trasportaturi u l-operaturi kollha tal-merkanzija f'pajjiżi terzi li ġew deżinjati mill-awtorità tar-Renju Unit se jiġu meħtieġa li, minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ikollhom l-istatus ta' ACC3/KC3/RA3 mogħti mill-awtorità xierqa ta' Stat Membru tal-UE.

**Is-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni se jappoġġaw lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri fil-proċess ta' allokkazzjoni mill-ġdid tar-responsabbiltà għad-deżinjazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru, tal-aġenti regolati minn pajjiżi terzi u tal-konsenjaturi magħrufa tal-pajjiżi terzi, li bħalissa huma deżinjati mir-Renju Unit billi jiffaċilitaw it-tranżizzjoni amministrattiva.**

#### 1.2.5. *Il-fornituri regolati*

F'konformità mal-Kapitolu 8.1.3 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2015/1998, il-fornituri regolati (xi fornituri tal-ajruport kif ukoll fornituri matul it-titjira) iridu jkunu approvati mill-awtorità xierqa. Skont il-Kapitolu 8.1.3.5 tar-Regolament (UE) 2015/1998, l-approvazzjoni ta' fornitur regolat minn Stat Membru tal-UE għandha tkun rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha tal-UE.

L-approvazzjonijiet mill-awtorità xierqa tar-Renju Unit mhux se jibqgħu jiġu rikonoxxuti minn Stat Membru tal-UE minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

## 2. SIGURTÀ MARITTIMA

Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet<sup>15</sup> u d-Direttiva 2005/65/KE dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet<sup>16</sup> stabbilew ir-regoli tal-UE dwar is-sigurtà marittima.

<sup>15</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet, ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6.

- L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 jobbliga lill-awtorità kompetenti għas-sigurtà marittima tal-Istat Membru titlob lill-vapuri li jħabbru l-intenzjoni tagħhom li jidħlu f'port li jipprovdu ċertu informazzjoni tas-sigurtà. Skont l-Artikolu 7(1),(2) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lil xulxin, għal servizzi internazzjonali skedati operati bejniethom, li jeżentaw dawn is-servizzi milli jipprovdu informazzjoni ta' sigurtà mandatorja. Minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, din il-possibiltà, kif prevista mir-Regolament (KE) Nru 725/2004, ma tibqax teżisti għar-Renju Unit. Dan ifisser li, minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, is-servizzi skedati kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, bħal konnessjonijiet bil-laneċ bejn ir-Renju Unit u Stati Membri tal-UE, se jkunu meħtieġa jipprovdu b'mod mandatorju l-informazzjoni tas-sigurtà stabbilita f'dak l-Artikolu.
- Skont l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2005/65/KE, il-persunal li jagħmel spezzjonijiet tas-sigurtà jew li jimmaniġġja informazzjoni kunfidenzjali (inkluż il-persunal ta' organizzazzjonijiet tas-sigurtà rikonoxxuti, ara l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/65/KE) jeħtieġ li jkollu livell xieraq ta' awtorizzazzjoni fir-rigward tas-sigurtà mill-Istat Membru li tiegħu l-persuna kkonċernata tkun ċittadin. Dan ifisser li l-persunal tar-Renju Unit (li għalhekk għandu approvazzjoni tas-sigurtà mir-Renju Unit) ma jistax iwettaq iktar l-ispezzjonijiet tas-sigurtà msemmija f'dik id-Direttiva. L-istess japplika għal spezzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 (għal konformità mal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sigurtà fuq il-Vapuri u fil-Portijiet (ISPS)), skont l-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament.

Is-siti web tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ([https://ec.europa.eu/transport/modes/air/security\\_en](https://ec.europa.eu/transport/modes/air/security_en)), u s-sigurtà marittima ([https://ec.europa.eu/transport/modes/maritime/security\\_en](https://ec.europa.eu/transport/modes/maritime/security_en)) jipprovdu informazzjoni ġenerali rigward ir-regoli għas-sigurtà tat-trasport fl-Unjoni. Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport

---

<sup>16</sup> Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet, ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28.